

3. It-tielet motiv, ukoll invokat b'mod sussidjarju, ibbażat fuq il-kwantifikazzjoni żbaljata ta' għajnuna ipotetika.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2016 – BNP Paribas vs BĊE

(Kawża T-768/16)

(2017/C 006/61)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: BNP Paribas (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

- tannulla, fuq il-bażi tal-Artikoli 256 TFUE u 263 TFUE, id-Deċiżjoni ECB/SSM/2016 – R0MUWSFPU8MPRO8K5P83/136 adotta mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-24 ta' Awwissu 2016;
- tikkundanna lill-Bank Ċentrali Ewropew għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball ta' li ġi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) allegatament wettaq fl-interpretażzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1; iktar 'il quddiem ir-“Regolament Nru 575/2013”).

B'hekk, ir-riktorrenti targumenta, b'mod partikolari, li d-deċiżjoni tal-BĊE tal-24 ta' Awwissu 2016, li tiċħad it-talba tagħha sabiex tikseb awtorizzazzjoni li teskludi l-iskoperturi fis-servizz pubbliku mill-kalkolu tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”):

- tmur kontra l-intenzjoni tal-leġiżlatur Ewropew u kontra l-ghaniżiet segwiti mir-Regolament Nru 575/2013;
 - iċċaħħad l-Artikolu 429(14) tal-imsemmi regolament minn kull effett utli;
 - tikkostitwixxi indħil mill-BĊE fis-setgħat tal-leġiżlatur Ewropew.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest li allegatament hija vvizzjata bih id-deċiżjoni kkontestata fl-evalwazzjoni tar-riskju prudenzjali marbut mat-tfaddil irregolat, sa fejn il-BĊE naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest legali u l-informazzjoni empirika marbuta ma' dan it-tfaddil kif ukoll ir-rapporti rilevanti tal-Awtorità Bankarja Ewropea, u wettaq tali żball ta' evalwazzjoni kemm fir-rigward tar-riskju tal-lieva finanzjarja kif ukoll fir-rigward tar-riskji prudenzjali l-oħra relatati miegħu.
 3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità li allegatament hija vvizzjata bih id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn, minn naħa, tikser il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, min-naħħa l-oħra, ma tosseqx ir-rekwiżiti speċifiċi marbuta mal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam ta' superviżjoni prudenzjali, li jeżiġi li r-rekwiżiti prudenzjali jkunu adattati għall-mudell ta' intrapriża tal-bank u għar-riskji li jkunu assoċjati miegħu fir-rigward tas-sett finanzjarju u fir-rigward tal-ekonomija.
-